MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Avviz Numru. 353/2008

**S. & S. Bathrooms Ltd (C-28235)**

**vs**

**Sergio Borg**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) rapprezentanti prezz ta’ materjal u accessorji ohra mibjugha lilu, u liema materjal u accessorji gew ikkunsinjati lis-socjeta` EASYSELL KIA (MALTA) Ltd. (C-9778) fuq struzzjonijiet tieghu stess;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 16 ta’ Gunju tas-sena 2008, u bl-imghax dovut

skond il-ligi mid-data li l-pagament sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, u l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fis-7 t'April tas-sena 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill- intimat Sergio Borg ihallas is-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) lis-socjeta` rikorrenti S. & S. Bathrooms Ltd;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------